MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 1080/2004

**Maltacom plc**

**vs**

**Joanne Aquilina**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Mejju 2004 fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u erbgha u erbghin lira Maltin u zewg centezmi (Lm144.02), liema ammont huwa dovut lis-socjeta attrici in konnessjoni ma' servizz telefoniku li jgib in numru 21347652 (AT4359/81PO a/c 10095009) liema servizz gie installat fil-fond bin-numru ufficjali 195, Triq San Albert, Gzira skond diversi kontijiet mibghuta lilha, prospett immarkat Dok A u kuntratt relattiv markat Dok B.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuta giet regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u erbgha u erbghin lira Maltin u zewg centezmi (Lm144.02) bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------